## KUNSILL LOKALI ISLA

## IL-ĦAMES KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU SBATAX

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar l-Erbgħa 25 ta' Jannar, 2006 fis-2.00pm.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku | 2.00pm |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku | 2.00pm |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier | 2.00pm |
| | Louis Henwood | - | Kunsillier | 2.00pm |
| Skużat | Reno Chircop | - | Kunsillier | |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv | |
| Udjenza : | 0 | | | |

**AĠENDA**

(1) Approvazzjoni tal-Minuti.
(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
(3) Parteċipazzjoni fil-Konferenza Qualicities / AVEC
(4) Ground tal-Football

## 17 (1) Approvazzjoni tal-Minuti

Hekk kif bidet il-laqgħa tal-Kunsill is-Sindku Joseph Casha ressaq sospensjoni ta' regolament ta' proċedura biex item 1 u 2 fuq l-Aġenda jitressqu għal approvazzjoni fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss . Dan minħabba li din il-laqgħa tal-llum tressqet b'urġenza u għaldaqstant il-minuti tal-laqgħa no. 16 ma tlaħqux tlestew.

Is-sospensjoni ta' dan ir-regolament ġiet approvata nem com.

## 17 (2) Komunikazzjoni mis-Sindku Joseph Casha

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li din ser issir fil-laqgħa li jmiss.

## 17 (3) Parteċipazzjoni fil-Konferenza Qualicities / Avec.

Is-Sindku qal li sejjaħ din il-laqgħa b'urġenza għax illum il-Kunsill irid jeħu deċizjoni dwar il-Parteċipazzjoni fl-assemblea ġenerali ta' Avec u Proġett Qualicities. Ta informazzjoni dwar x'inhu l-għan li nidħlu bħala membri fl-Avec.

17 (3) 1 Is-Sindku ta tagħrif dwar l-assoċċjazzjoni Avec, li il-Kunsill ta' l-Isla ġie mistieden biex jissieħeb u jieħu sehem fiha (tagħrif dwar l-Avec mehmuż)

17 (3) 2 Wara diskussjoni qasira il-Kunsill kien tal fehma li jidħol membru f'din l-assoċċjazzjoni.

Fuq proposta tal-Kunsillier Charmaine Gerada u issekondata mill-kunsillier Louis Henwood, il-Kunsill approva nem com din is-sħubija.

17 (3) 3 Il-finanzjament ta' sehem il-Kunsill f'din il-konferenza sejjer joħroġ mill-funds tal-Qualicitiies allokati għal dan il-Kunsill. (Kopja ta' dan mehmuża)

17 (3) 4 Il-Kunsill qabel ukoll li għal din il-konferenza tal-Qualicities u Avec jmorru is-Sindku Joseph Casha, il-Kunsillier Charmaine Gerada u is-Segretarju Eżekuttiv Alphonse Zammit. Fil-laqgħa li jmiss jipparteċipa il-Kunsillier Louis Henwood.

17 (3) 5 Il-Kunsillier Charmaine Gerada għandha tikkonferma mill-post tax-xogħol tagħha il-parteċipazzjoni tagħha f'din il-konferenza l-għada filgħodu wara li tkun ikkonsultat il-post tax-xogħol tagħha.

## 17 (4) Ground tal-football

Is-Sindku Jospeh Casha qal li huwa u s-Segretarju kellhom laqgħa ma l-avukat dwar il-kuntratt li preżentaw l'MFA lill-klabb Senglea Athletics. Ġie spjegat kollox lill-avukat fejn huwa ma jara xejn ħażin li jsir kuntratt bejn l-MFA u Club Senglea Athletics ; huwa qal li il-Kunsill ġa għandu agreement mal-klabb li kien sar qabel (Laqgħa tal-Kunsill Nru. 44 tat-28 ta' Diċembru 2004) u għandu jiġi sgurat li il-klabb Senglea Athletics jimxu miegħu. Għalhekk il-Kunsill irid jagħmel il-kuntratt fuq dak il-ftehim , imbad isir il-ftehim bejn l-MFA u il-klabb.

Is-Sindku kien tal-parir li jekk il-klabb ma jaqbilx li għandu jidħol għal ftehim li jagħmel tajjeb għal parti mill-ispejjeż, il-Kunsill jagħmel il-proġett kollu hu imma jsir ground b'artificial turf iżgħar.

Saret diskussjoni fit-tul fejn il-Kunsillier Charmaine Gerada kienet tal-parir li ssir laqgħa mal-klabb Senglea Athletics fil-preżenza ta' l-avukat tal-Kunsill kif ukoll l-avukat tal-klabb.

Ġie deċiż mill-Kunsill li filwaqt li ssir laqgħa mal-klabb Senglea Athletics jibqa jżomm fuq dak li ġie miftiehem fit-28 ta' Diċembru.

## 17 (5) Questionnaire

Il-Kunsillier Charmaine Gerada ippreżenta draft ta' kwestjonarju li għandu jitqassam lir-residenti għal fini ta' riċerka u tagħrif ġenerali.

Il-Kunsill approva dan id-draft. (kopja mehmuża)

Il-Kunsillier Charmaine Gerada għandha tieħu ħsieb biex tmexxi dan il-kwestjonarju.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmgħet fl-4.46pm

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

______________________ ______________________

Joseph Casha
Sindku

Alphonse Zammit
Segretarju Eżekuttiv